# IL-HOLMA TAL-MILIED.

Il-gazzetti u  l-ahbarijiet tat-televizzjoni u r-radju kollha kienu qed jitkellmu fuq it-temp li kien qed jaghmel fix-xahar ta' Dicembru. Mhux soltu li jkollna temp sajfi u xemxi, b'temperaturi shan u gholjin ghal



dan iz-zmien tas-sena.

"Ma nistghax nifhem dan it-temp," qal Wenzu meta hareg flimkien ma' Guzeppi mill-quddiesa tat-tmienja. "Qisna s-sajf, ma tissaportix glekk fuqek matul il-jum."

Guzeppi, imbaghad irribatta: " Kemm tahseb li ser indumu hekk. Qeghdin f'nofs Dicembru, imma fi zmien tlett ijiem ohra kollox jimbidel. Wicc is-sema hekk jaqra. Hekk qed ibassru l-ahbarijiet li maltemp ser

jilhaqna minn gimgha qabel il-Milied u jibqa' maghna sat-Tre Re. Din is-shana ser impattu ghaliha bil-kesha, rih, bard, xita, rghad u forsi anke xi silg."

"Nittama li ghandi wicc ghalqa mizruh ma joqtollix kollox kif ghamel sentejn ilu," wiegbu Wenzu."Iz-zejjed ma huwa tajjeb ghal hadd. Kif in-nuqqas huwa wkoll ta' hsara."

U meta waslu f'salib it-toroq sellmu lil xulxin filwaqt li Wenzu gibed naha u Guzeppi ohra.

Dak li bassru l-ahbarijiet sehh. Gimgha qabel il-Milied, it-temp qaleb ghal aghar. Daqqa mumenti ta' xita qliel, rghad, kesha u rih.



Il-kappillan tar-rahal kien qieghed jitlob il-brevjar qabel jirtira biex jorqod. Id-dawl tas-sajjetti kien qed idejjqu. Qam u resaq lejn it-tieqa biex

jaghlaq il-purtieri kemm jista' jkun, halli jnaqqas mill-dawl taghhom. Imma anqas lahaq rega' pogga bilqieghda biex ikompli jitlob li sajjetta qawwija ma qatghetx id-dawl eletriku u hallietu fid-dlam, miksur biss minn xema li kienet qed tnemnem quddiem xbiha tal-Madonna.

Ghalaq il-ktieb u mar igib il-lampa tal-pitrolju halli jixghelha u jkompli jitlob. Barra wkoll dlam cappa u harsa lejn il-bini ta' faccata tad-dar tieghu ndikatlhu li anqas dawk il-familji ma kellhom elettriku.

"Nispera li ma jinqala' xejn aktar, halli nkompli u nispicca it-talb", qal bejnu u bejn ruhu. Ma damx hafna biex spicca u billi ra li anqas ma' l-ahbarijiet tat-televizzjoni ma seta' jara, ipprova jixghel ir-radju bit-tama li jismaghhom minn hemm. Qaleb ir-radju fuq il-batterija, izda hlief stazzjonijiet barranin ma setghux jidhlu. " Nifhem li jekk ma ntfietx Malta kollha, zgur li parti kbira minnha ma ghandhiex dawl."

Imma minghajr ma lissen kelma wahda ta' tgergir, dahal fis-sodda biex jorqod. Ma setghax jidhol fin-nghas, ghax ghalkemm ix-xita waqfet u ma baqghtex thabbat mal-hgieg tat-twieqi, il-hoss tal-gliegel ta' l-ilmijiet ghaddejja mit-toroq kienet qed itelliflhu rqadu.

Ftit mumenti biss wara li dahal fis-sodda, sema' tahbita mghaggla fuq il-bieb. Qam u mar jara x'seta' inqala. Imma ohtu li kienet torqod fis-sular ta' isfel lahqet qablu u qaltlu biex ma jinzilx.

"Kuncett, ghid ftit il-kappillan jigi jassisti lil missieri ghax qaleb ghal aghar. Ghandi l-karozza ghidlu biex ma jithabatx," qalilha Anglu, iben il-kbir ta' Mikiel.

Il-kappillan sema' kollox, libes malajr, gab iz-zejt tal-Grizma u erhielha ma' Anglu lejn id-dar ta' Mikiel.

Wara li ghamillu l-Grizma tal-Morda, minn taht lilsien qal lil Anglu, qabel ma telaq lura lejn id-dar: " Mikiel jehlisha,"

"Mhux li  kien jahasra,  x'weggha fi zmien bhal dan."

Sehh kif kien qallu l-kappillan u meta l-ghada gie jarah it-tabib, qallu: " Mikiel il-periklu ghadda. Strieh jumejn u tista' terga' tkompli l-hajja tieghek tas-soltu, imma bla tahbit."

Mikiel kien maghruf fir-rahal. Meta kien ghadu jiflah kien importatur tal-hwejjeg u l-ikel. Meqjus bhala ragel onest u gust, kellu hafna klienti kemm mir-rahal kif ukoll minn barra. Imma issa li ghalaq is-sebghin u hassu ghajjien ghadda n-negozju liz-zewg uliedu, Anglu u

Bertu, li bhal missierhom kienu jmexxu n-negozju bil-ghaqal kollu.

"Mari'", qal Mikiel li martu meta gie f'tieghu u kien mal-mejda jiehu l-kolazzjon. "Irrid nghidlek minn xhiex ghaddejt meta kont kwazi wasalt ghat-tmien."

Mari' kienet qed isajjar ghal ikla ta' nofs inhar ghax kemm hi kif ukoll uliedha flimkien ma' zewgha riedu jieklu, imma semghet b'attenzjoni dak li kellu jghid.



"F'hin minnhom sibt ruhi quddiem zewgt toroq, wahda sabieha u l-ohra inqas komda biex timxi minn go fiha. Waqt li kont hosbien nara liema wahda ser naghzel, resaq fuqi ragel liebes pulit u wissieni li jekk irrid immur fejn hemm il-ferh tal-qlub naqbad dik it-triq is-sabieha. Imma lehen iehor wissieni biex ma naghmilx hekk ghax dak kien bniedem giddieb ghal ahhar."

"U allura liema wahda qbadt?" staqsietu martu li issa waqfet tqaxxar il-patata ghax il-kurzita' ghelbitha biex tara liema triq ghazel zewgha Mikiel.

"Ghidt bejni u bejn ruhi: *issa jiena niflah nimxi fit-triq imharbta, ghandi sebghin sena u bzajt* li naqa'. U filwaqt li rringrazzjajtu kont ser niehu l-parir tieghu. Imma l-istess lehen rega' wissieni li ma nistghax nirritorna lura, niehu liema niehu . Hawn qaghadt nahseb u minnufih dak ir-ragel stedinni biex immur mieghu. Il-lehen wissieni mill-gdid li dak ir-ragel kien qarrieqi.

U minnufih qabadli idi biex jigbidni ghal dik it-triq. *Imma x'interess ghandu dan ir-ragel biex immur mieghu* ghidt f'qalbi. *Erhini*, ghidtlu, *naf liema wahda ghandi naghzel.* Ghax fhimt li f'mohhu kellu hsieb hazin, ried jingannani. U qbadt it-triq imharbta. Minnufih anglu tal-Mulej, li aktar tard qalli li kien l-anglu kustodju tieghi deher hdejja biex ma jhallix lil dak ir-ragel jhebb ghalija. F'dik it-triq ma setghax jidhol u minn ragel pulit imbidel f'xitan l-aktar iswed li minnu harget l-aktar riha qawwija ta' hruq u ntiena. L-anglu kustodju tieghi qalli li dak il-lehen li smajt kien tieghu u ha gost li jiena smajt minnu u ma ghamiltx ta' rasi."

"Mela bix-xorti ghazilt il-gwida tal-lehen."

"Iva, bix-xorti li ghazilt li nimxi wara l-lehen. Bqajna sejrin mexjin minn fuq il-gebel, kultant saqajja jotru, izda qatt ma grali hsara ghax l-anglu tal-Mulej kien mieghi u jwizinni meta nkun ser noghtor."

"Mela wara li mxejna ghal xi ftit iehor iltqajt ma' Marija bit-tarbija Gesu' rieqed fuq dirajghha bil-qieghed fuq dahar il-hmara gwidata minn Guzeppi. Imdawrin maghhom kien hemm xi angli u fuq quddiem



nett l-arkanglu Mikiel bix-xabla tan-nar biex hadd ma jersaq lejhom. Tlabt lil anglu tieghi jekk nistghax nersaq lejhom biex insellmilhom u fl-istess hin nghid

kelma maghhom. L-anglu resaq fuq Mikiel u fesfislu xi haga. Mikiel ta ordni biex l-angli l-ohra jaghmlu l-wisa'. "Tista tmur hdejhom," stedinni l-anglu.

Ersaqt lejhom u filwaqt li Guzeppi u Marija xtaquli l-paci, jiena rreciprokajt. Inzilt gharkubtejja bhala sinjal ta' rispett, izda Guzeppi, filwaqt li telaq ir-riedni tal-hmar, gie jigri lejja u refghani minn idejja.

"Qum minn hemm, anzjan wisq biex tinzel gharkubtejk fuq dan il-gebel," qalli Guzeppi.

"Jiena jisimni Mikiel."

"Naf qabel ma ghedtli. Inti devot kbir tieghi. Niehu gost bik narak kull filghodu qabel thalli l-knisja, tigi quddiem in-nicca tieghi u ssellimli."

"Nista' nersaq naghti titwila lil Gesu' tarbija?"

"Dan zgur li tista'," wiegbet fil-pront Marija. "ersaq, ersaq."

"Mari' xi hlew ta' tarbija kienet."

Is-Sagra Familja, Mikiel u l-angli kollha komplejna fi triqtna. U Guzeppi staqsieni: " Iltqajt ma' Erodi?"

"Mari', nghidlek il-verita' ma fhimtux, izda meta' l-anglu kustodju tieghi nduna b'hekk spjegali li Erodi kien dak il-bniedem li iltaqjt mieghu fit-triq.

"Iva kemm kien persistenti. Bil-kemm ma hebbx ghalija, li kieku ma kienx ghal anglu kustodju tieghi."

"Biddel hwejjgu rjali ma' dawk ta' bniedem ta' zminijietkom. Ahna gharafnieh u li kien ghalih hebb ghal ibni Gesu'," irrakontat Marija, izda ghandna skort tajba li tharisna sa ma' naslu fil-belt eterna."

Ghalkemm il-vjagg kien twil anqas rajtu ghax fi triqna tkellimna fuq hafna hwejjeg sa ma fl-ahhar wasalna qrib ta' belt imdawwra bi swar gholjin. Gewwa s-swar kien hemm dwal sbieh u anke kien jinstema' xi kant li bhalu qatt ma kont smajt. Imma barra l-belt, taht is-swar, qatta xjaten iddisprati, iddisprati u mdawra bi fjammi ta' nar. Hekk kif rawna, il-kap taghhom, nahseb li kien Lucifru, kellimhom mod goff: "*Isa, ja qatta dghajfa, u bla hila ta' xejn, isaw morru u ahtfu lil dak u gibuh maghna. Kontra l-ohrajn ma nistghu naghmlu xejn.*"

"Izda l-anglu kustodju assigurani li xejn ma ser jigrili. Lucifru, b'ghatja fgata, gabar mieghu legjun u gie jigri lejna, jghajjat: "*Dak taghna u mhux tieghek . Hallih*

*ghalina."* Izda San Mikiel hareg ix-xabla tieghu, xabla tan-nar u  ppuntaha lejn ix-xjaten. Dawn x'hin daqu n-nar tax-xabla tieghu, irtiraw indannati u fost hafna dagha.

L-anglu ghassies tal-belt fetah il-bieb tal-belt u quddiemi stajt milmah Bniedem Xih li jiena kkonkludejt li kien Alla l-Missier; deher li kien qed jistenniha lis-Sagra Familja ghax x'hin dahlet it-tarbija saret bniedem u qaghad bil-qieghed fuq tronn in-naha tal-lemin u Marija Ssma telghet u hadet postha fuq it-tronn tax-xellug.

"U Guzeppi fejn qaghad? Telaq?", staqsietu martu.

"Mar hdejn Marija u qaghad bilwieqfa."

"Fuqhom ilkoll kellhom Hamiema li nahseb kien l-Ispirtu Santu. Madwarhom kien hemm hafna angli jkantaw tifhir sabih.

Marija ghamlet sinjal lil San Mikiel u dan taha registru. Sadanitant il-kant waqaf u Guzeppi miel lejn Marija u qalilha: *"Dan devot kbir tieghi. Hu hsiebu fid-difiza tieghek. "* Dawn il-kelmiet niftakarhom cari daqs il-kristall, qisni qed nismaghhom issa, dan il-waqt."

"Imbaghad hija fethet ir-registru u qrat minnu. Trid tisma' x'lehen sabiha kellha! Xi qrat mir-registu ma niftakarx, izda smajt lil Gesu' jindirizzaha hekk:" *Iva jisthoqqlu li jidhol gewwa. Missier tieghi, hares lejn il-pjagi tieghi u henn ghalih. Ghalih jiena nintercedi."*

"Imbaghad Alla l-Missier qal lil Ibnu u lil Marija:" *Jiena ma nista nichdilkom xejn. Pero' is-sentenza tieghi hija din. Jigi maghna aktar tard. Ghalissa jerga' lura fid-dinja biex igawdi l-Milied mal-familja tieghu."* Sandanitant huwa dar lejja u qalli: *"Mikiel ghandek hafna min jaqbez ghalik. Kun devot taghhom u itlobhom ghax huma jghinuk fil-problemi tieghek. Mur u gawdi l-Milied mal-familja tieghek."*

Mari' baqghet imbellha u ma kellha ebda kelma xi tghid.

Jumejn fuq dak li ghadda minnu Mikiel, il-kappillan habbat il-bieb u filwaqt li bexxqu, pogga wiccu mieghu u ghajjat: " Mari', jien il-kappillan nista' nidhol?"

"Mela tibqa' barra. Ghaddi."

"Kif inhu Mikiel?"

"Tajjeb jidher. Hemm arah mal-mejda. Bi hsiebu li jumejn ohra johrog. Kollox jidher li ghadda b'wicc il-gid."

Imbaghad il-kappillan dar lejn Mikiel u qallu: "Hemm fuq ghandek min ihobbok. Naqta' jien li hu San Guzepp. Devot hafna tieghu, inti, u hu ma jhallikx wahdek. Mela la daqt tohrog ma hemmx bzonn li nigi nqarbnek id-dar hux hekk?"

Berikhom it-tnejn u hareg biex ikompli d-dawra tieghu mal-parruccani.

Mikiel intilef fi hsieb. "Dan kif sar jaf li ghandi hafna min jintercedi ghalija? Jiena ma ghidt lil hadd bli ghaddejt minnu hlief lil Mari'."

Il-jingle li sema' fuq it-televizzjoni waqfitu minn hsibijietu u wriethu li kien sar il-hin biex tkun trasmessa l-quddiesa. Qam u mar jismaghha b'radd il-hajr.